A.L. 10 ta' l-2002

ATT TA' L-2000 DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (ATT NRU. XXVII TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Proċedura fil-Bord ta' Appelli ta' Appelli dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, f'konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Proċedura fil-Bord ta' Appelli ta' Appelli dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"Att" tfisser l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"Bord ta' Appelli" tfisser il-Bord ta' Appelli dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"Ordni" tfisser ordni maħruġ minn uffiċjal skond l-artikolu 20 ta' l-Att;

"President" tfisser the President tal-Bord ta' Appelli maħtur taħt l-artikolu 21 ta' l-Att;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju tal-Bord ta' Appelli;

"Uffiċjal" tfisser Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, maħtur taħt l-artikolu 15 ta' l-Att;

"Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, maħtur taħt l-artikolu 10 ta' l-Att.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kliem u frażijiet li jinsabu imfissra fl-Att għandhom l-istess tifsir bħalma għandhom f'dawn ir-regolamenti, u d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu flimkien ma' l-Att.

Kif jiġi ppreżentat appell.

3. (1) Appell li jsir kontra ordni maħruġ minn xi Uffiċjal isir bil-miktub u jiġi notifikat lis-Segretarju tal-Bord ta' Appelli:

Iżda min iħoss ruħu aggravat bl-ordni jista' wkoll jippreżenta appell quddiem il-Bord ta' Appelli fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-ġurnata tan-notifika ta' l-ordni bil-miktub.

(2) Is-Segretarju għandu minnufih jirriferixxi kull appell li jirċievi lill-President li mbagħad jiffissa data għas-smigħ tiegħu, li ma tkunx iktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mid-data meta l-appell ikun ġie notifikat lis-Segretarju tal-Bord ta' Appelli.

Iżda l-President għandu jordna lis-Segretarju tal-Bord ta' Appelli biex jinnotifika, meta dan ikun japplika, lill-membri tal-Bord ta' Appelli, lil min ikun qed jagħmel l-appell u lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni bid-data appuntata għas-smigħ, u għandu jibgħat kopja ta' l-appell li jkun irċeva lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u lill-membri tal-Bord ta' Appelli.

Ħlas ta' depożitu.

4. Min ikun qed jagħmel l-appell għandu jħallas dritt ta' għoxrin lira (Lm 20) meta dak l-appell ikun qed jiġi ppreżentat, u dak id-dritt għandu jiġi rimborżat jekk dak l-appell jintrebaħ kollu kemm hu:

Iżda d-dritt għandu jkun pagabbli lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, imwaqqfa bis-saħħa ta' l-artikolu 8 ta' l-Att.

Il-President jista' jiċħad appell.

5. Il-President għandu jiċħad appell li ma jsirx bil-miktub fiż-żmien speċifikat fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti li fih ikun jista' jsir dak l-appell.

Proċedimenti quddiem il-Bord ta' Appelli.

6. Il-Bord ta' Appelli għandu jisma lill-appellant, lill-Uffiċjal u lil kull xhud li jingieb. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jintervjeni waqt kull appell u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu kif ukoll itella' xhieda.

Għandha tingħata lista ta' xhieda.

7. F'kull każ li fih il-persuna li tkun qed tagħmel l-appell, l-Uffiċjal jew l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jkunu bi hsiebhom iġibu lil xi persuni bħala xhieda, dawn għandhom jippreżentaw lista lill-President ta' dawk ix-xhieda kollha qabel id-data tas-smigħ, u l-ismijiet ta' dawk ix-xhieda għandhom jiġu mgħoddija lill-partijiet kollha involuti:

Iżda ebda persuna, li isimha ma jkunx ġie inkluż fil-lista ta' xhieda, ma jista' jittella' jixhed kemm-il darba l-Bord ta' Appelli ma jkunx sodisfatt li l-ommissjoni ta' l-isem ta' dak ix-xhud tkun waħda ġustifikata minħabba li l-persuna li tkun qed titlob li ttella' lil xi tali xhud ma kienetx taf b'dawk il-provi fid-data meta tkun ippreżentat l-appell jew li l-ħtieġa li jingiebu dawk il-provi tkun qamet wara l-preżentata ta' l-appell, jew għal xi raġuni oħra għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' Appelli.

8. Is-seduti tal-Bord ta' Appelli għandhom isiru bil-miftuħ: Seduti bil-miftuħ.

Iżda meta l-Bord ta' Appelli, jkun tal-fehma li ż-żamma ta' seduta bil-miftuħ tista' tkun ta' preġudizzju għal xi dritt li persuna jista' jkollha għall-proprjetà intellettwali jew għas-segretezza kummerċjali, il-Bord ta' Appelli għandu jżomm is-seduta *in camera*.

9. Il-President ikollu s-setgħa jħarrek ix-xhieda u li jagħti l-ġurament lix-xhieda u jeħtieġhom jixhdu jew jipproduċu kull oġġett, ħaġa jew dokument quddiem il-Bord ta' Appelli. Taħrik ta' xhieda.

10. Kull taħrika ta' xhieda għandha tkun iffirmata mill-President, u tista' tiġi notifikata sew personalment jew permezz tal-posta reġistrata, u f'dan l-aħħar każ, sabiex jiġi pprovat li tkun saret in-notifika, jkun biżżejjed li jiġi pprovat li t-taħrika kienet indirizzata u mibgħuta bil-posta kif imiss. Notifika tat-taħrika.

11. Kull persuna mħarrka biex tattendi u tixhed waqt xi seduta tal-Bord ta' Appelli tkun obbligata tobdi t-taħrika li tkun ġiet lilha notifikata; u kull persuna li tirrofta jew li tonqos mingħajr ebda raġuni ġustifikata milli tattendi fil-ġurnata, ħin u post li jissemmew fit-taħrika li tiġi lilha notifikata jew li twieġeb bl-aħjar mod li tkun taf u tissoponi għall-mistoqsijiet kollha li jsirulha mill-Bord ta' Appelli jew bil-qbil tiegħu, jew li ġġib xi oġġett, ħaġa jew dokument li jkun meħtieġ mill-Bord ta' Appelli, jkun ħati ta' reat kontra l-Att: Il-persuni mħarrka għandhom jattendu.

Iżda ebda persuna li tkun qed tixhed quddiem il-Bord ta' Appelli m'għandha tiġi mġiegħla tinkrimina lilha nnifisha u kull tali persuna għandu jkollha jedd, dwar kull xhieda li hija tagħti quddiem il-Bord ta' Appelli, għall-privileġġi kollha li jkollu jedd għalihom kull min jixhed quddiem qorti ta' ġustizzja dwar dik ix-xiehda li jkun qed jagħti quddiem dik il-qorti.

12. Is-seduti tal-Bord ta' Appelli għandhom jinżammu f'kull post fejn l-istess Bord hekk jiddeċiedi u dik id-deċiżjoni għandha titwassal bil-miktub lill-partijiet interessati. Seduti.

Deċiżjonijiet.

13. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Appelli għandhom ikunu bil-miktub u għandhom jinqraw fil-pubbliku, għandhom jitqiesu li jkunu finali u konklużivi u m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda reviżjoni mill-qrati tal-ġustizzja ordinarji ħlief fuq punti ta' liġi jew ta' ġustizzja naturali.

Konflitt ta' interess.

14. Meta l-President jew xi membru ieħor tal-Bord ta' Appelli ikun iqis li jkun hemm raġunijiet suffiċjenti li jkunu jipprekludu milli jisma' xi appell partikolari kontra ordni li jsir minn xi Uffiċjal, jew meta xi waħda mill-partijiet toġġezzjona li huwa għandu jisma l-każ, il-membru tal-Bord ta' Appelli għandu jgħarraf lill-Ministru, u jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għaliex huwa jqis li għandu jiġi meħlus milli jisma' l-appell, jew ir-raġunijiet għaliex tkun qed issir l-oġġezzjoni kontrih, skond il-każ:

Iżda membru tal-Bord ta' Appelli li ma jiddikjarax xi konflitt ta' interess li possibilment ikun hemm f'xi appell li jinġieb quddiem xi Bord ta' Appelli, jkun ħati ta' reat taħt l-Att.

Jirrevoka A.L. 197 ta' l-1995.

15. Ir-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Proċeduri tal-Kumitat Ġudizzjarju għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, huma b'dawn imħassra.